ĦARĠA NUMRU 22 - SAJF 2020

NEWSPAPER POST

# Nisġet artna

PUBBLIKAZZJONI MAĦRUĠA MILL-MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, SAJD U DRITTIJIET TAL-ANNIMALI



# Editorjal

Għeżież qarrejja,

Dħalna fl-istaġun tas-sajf, u għal darb'oħra qegħdin nerġgħu nidħlu fid-djar tagħkom sabiex inkunu nistgħu nwasslulkom artikli ferm utli relatati mas-settur tal-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali. Dan kollu jista' jsir bl-għajnuna tagħkom il-qarrejja, bir-rispons li dejjem tagħtuna, kif ukoll permezz tal-kontributuri li ta' kull pubblikazzjoni jipprovdulna artikli interessanti u informattivi relatati mas-settur.

Fid-dawl tal-pandemija li ħakmet lil pajjiżna u lid-dinja kollha, nistgħu ngħidu li kellna rebbiegħa kemxejn differenti minn dik li s-soltu mdorrijin biha. Is-settur agrikolu huwa wieħed mill-iktar setturi li ntlaqtu, għaliex għalkemm ħafna minna jagħżlu li jixtru prodotti friski, din id-darba d-domanda kienet inqas mill-provvista. Dan ġara għaliex bħal kull ħaġa, dan is-settur hu abbinat ma' setturi oħra bħat-turiżmu, lukandi u ristoranti, u allura, bħal katina, dawn ġew affettwati flimkien. Kien għalhekk li b'ġest sabiħ, ħafna bdiewa għażlu li jagħtu għexieren ta' kilos ta' frott u ħxejjex lill-isptarijiet u lil min hu fil-bżonn. Tħassru ħafna avvenimenti, fosthom l-Imnarja u l-Agrifair, iżda f'dan l-istaġun għandna nħarsu 'l quddiem b'iktar pożittività sabiex naqilbu paġna ġdida.

Għal ħafna, is-sajf iġib miegħu iktar ħin fejn wieħed jista' jgawdi l-familja u jieqaf xi ftit mir-rutina tal-ħajja mgħaġġla ta' kuljum. Madankollu min jaħdem f'dan is-settur, fis-sajf tiżdiedlu iktar it-tbatija. Is-sħana li jġib miegħu s-sajf tagħmilha iktar diffiċli għall-bidwi sabiex iqatta' dawk is-sigħat twal fix-xemx. Għalhekk wieħed irid iktar japprezza li jekk ma jkunx għal dawn in-nies bieżla, ma jkollniex il-kumdità li jkollna prodotti dejjem friski fi djarna.

Nittama li din il-ħarġa tintlaqa' tajjeb magħkom il-qarrejja u nfakkarkom li tistgħu ssibu l-artikli ppubblikati, kemm fuq il-paġna ta' Facebook "Nisġet Artna", u kif ukoll fuq is-sit elettroniku agrifish.gov.mt.

Tislijiet,
**Claire Cauchi**

# Nisġet artna


Pubblikazzjoni maħruġa
mill-Ministeru għall-Agrikoltura,
Sajd u Drittijiet tal-Annimali

**Dipartiment għall-Affarijiet Rurali**
Ċentru ta' Riċerka u Żvilupp
L-Għammieri, Triq l-Ingiered
Il-Marsa, MRS3303





*Ritratt meħud minn Emanuel Cauchi*


**Editur**
Claire Cauchi

**Qari tal-provi**
Proofreading Malta

**Kontributuri**
David Bartolo
Samuel Sciberras
Hazel Farrugia
Naim Grixti
Luca Pisani
Joseph Jason Abela
Jessamine Agius
Gareth Sammut
Kyle Spiteri
Matthew Tabone
Arnold Sciberras
Jeffrey Sciberras
Maria Micallef
Robert Cutajar

**Stampar**
Government Printing Press

**Disinn**
Outlook coop


# Werrej


04 Nomenklatura Maltija tal-flora u l-fawna fil-Gżejjer Maltin

08 Titwila lejn is-settur organiku

10 Inizjattiva mid-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali waqt l-imxija tal-COVID 19

11 Applikazzjonijiet 2020

12 Messaġġi ta' riklamar

14 Il-Lampuka Coryphaena hippurus

16 SIMTAP

17 X'inhuma l-fatturi li jiddeterminaw il-konsum tal-majjal f'Malta?

18 Kappelli marbuta mal-pesta

19 Razez domestiċi Maltin: Żewġ Razez ta' wirdien

20 Il-Proġett PIXAM

22 Artiklu għat-tfal

23 Riċetti

# Ħidma bla preċident



**Anton Refalo**
Ministru għall-Agrikoltura,
Sajd u Drittijiet tal-Annimali

Wara l-ewwel xhur tiegħi bħala Ministru għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali, mhux biss nista' nifhem aktar il-ħtiġijiet ta' dawn is-setturi, però grazzi għall-impenn nobbli ta' bosta ħaddiema f'dan il-qasam, ilkoll flimkien bdejna nippjanaw il-ġejjieni billi, mhux biss inkomplu nagħtu prijorità lil dan il-qasam fil-preżent, iżda wkoll nibdew infasslu inizjattivi u proġetti għall-futur.

Nemmen bis-sħiħ li dawn is-setturi, mhux biss huma ta' kontribut importanti għall-ekonomija ta' pajjiżna, iżda wkoll għas-soċjetà b'mod kollettiv. Hemm bżonn li nagħrfu u napprezzaw aktar ir-relazzjoni tagħna ma' prodotti ġenwini u ta' kwalità.

Dan nistgħu nifhmuh u nirrikonoxxuh aktar kemm-il darba nkunu mgħarrfa b'ħidmet ir-raħħal, il-bidwi u s-sajjied Malti, u l-impenn sabiex dejjem jipprovdulna prodotti bnini u friski. B'hekk inħossni kburi u sodisfatt li bħala Ministru qed naħdem id f'id mad-Direttorat tal-Agrikoltura biex aħna dejjem naħdmu favur il-prodott Malti. Flimkien nedejna kampanja b'saħħitha bit-titlu ta' "Agħżel Bnin... Agħżel Frisk" sabiex il-konsumatur japprezza ħafna aktar xogħol il-bidwi, ir-raħħal u s-sajjied tagħna. Dawn il-ħaddiema li jħabirku minn kmieni filgħodu sa tard billejl għandhom ikunu ppremjati bl-apprezzament tagħna.

F'dan l-ispirtu rridu naċċertaw li b'ħidmietna nħarsu lil dawn is-setturi u ma nħalluhomx imutu mewta naturali. Nifhem li, illum il-ġurnata, iż-żgħażagħ tagħna għandhom quddiemhom għażliet wiesgħa ta' karrieri interessanti, però żgur li hawn lok ta' impenn akbar fejn jidħlu l-agrikoltura u s-sajd.

Dawn l-aħħar xhur kienu impenjattivi ħafna. Flimkien mal-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA) ħabbarna l-ftuħ tas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet sabiex ngħinu lill-bdiewa, lir-raħħala u lis-sajjieda b'fondi lokali u Ewropej. Dawn huma fondi importanti ħafna sabiex insostnu ħidmet il-bidwi u r-raħħal Malti. Iċ-ċokon ta' pajjiżna joħloq sfidi liema bħalhom, però, b'impenn kollettiv u għajnuna varja, nemmen u ninsab ċert li nistgħu nagħrfu l-opportunitajiet u negħlbu l-isfidi kbar li għandna quddiemna.

Nemmen li wasal iż-żmien fejn nibdew inħarsu lejn il-ħsieb li nżewġu l-progess fit-teknoloġija mal-agrikoltura. Sar ħafna xogħol diġà f'dan ir-rigward iżda żgur li hemm ħafna opportunitajiet oħra x'nistgħu nisfruttaw, speċjalment f'pajjiż żgħir bħal tagħna, f'din il-gżira żgħira b'poplu ta' qalb kbira.

Fl-aħħar jiem ġie mħabbar ukoll l-Animal Welfare Fund fejn permezz ta' 'l fuq minn €85,000, numru ta' Għaqdiet Non-Governattivi u santwarji ser ikunu qegħdin jiżviluppaw proġetti sabiex ikomplu jitħarsu l-annimali għeżież tagħna. Fil-ġimgħat u x-xhur li ġejjin ser inkunu wkoll qegħdin inżuru numru ta' Kunsilli Lokali li permezz ta' għajnuna mill-Ministeru tagħna, il-Ministeru tal-Agrikultura, Sajd u Ħarsien tal-Annimali ser ikun qed jiżviluppa numru ta' proġetti fil-komunitajiet sabiex jitħarsu l-annimali, kemm dawk domestiċi u oħrajn li jgħixu fit-triq.

Il-fatt li twilidt, trabbejt u għext dejjem viċin mal-ambjent u mal-agrikoltura, ir-relazzjoni tiegħi kienet waħda naturali. L-annimali dejjem kienu l-għożża tiegħi u llum inħossni kburi u sodisfatt li permezz tal-ħidma Ministerjali nistgħu ngħinu, mhux biss lis-soċjetà u l-ħaddiema tagħna, iżda wkoll lil dawk li m'għandhomx vuċi, l-annimali tagħna li tant huma għal qalb l-Għawdxin u l-Maltin.

Minn qalbi nixtieq li lkoll, fiċ-ċirkustanzi u r-realtajiet preżenti, ingawdu s-sajf mill-aħjar li nistgħu flimkien mal-familji u mal-għeżież tagħna, u flimkien inkomplu naħdmu u napprezzaw u nkunu konxji kemm dawn is-setturi huma bżonjużi għal pajjiżna.

Tislijiet,

*Anton Refalo*



# Nomenklatura Maltija tal-Flora u l-Fawna

## fil-Gżejjer Maltin

Bastun ta' San Ġużepp

Kitba ta'
**ARNOLD U JEFFREY SCIBERRAS**
*Riċerkaturi fuq il-biodiversità*

**Il-bniedem għandu ħafna xebh mal-kumplament tal-organiżmi ta' din id-dinja, imma għandu ħaġa waħda li tagħmlu partikolarment uniku; dik li jagħti l-ismijiet lill-organiżmi l-oħra, saħansitra anke lill-membri tal-istess speċi tiegħu, lit-tfal u lill-annimali li jitrabbew ġod-djar.**

Dan jippermetti lill-bniedem jagħraf bejn individwi differenti u jsejħilhom, u saħansitra jiddistingwi bejn speċi u oħra. L-isem u l-organiżmu jew l-oġġett, jintrabtu b'sistema ta' referenza, assoċjazzjoni mibnija primarjament fuq l-għamla tiegħu. Interessanti kif kliem eżistenti f'lingwa jingħaqad biex jinħoloq isem, u kif isem jista' wkoll jinbidel u jevolvi. Bħall-ismijiet tal-komunità umana, l-isem tal-istess speċi jew ta' speċi simili ħafna ta' xulxin jista' jvarja skont iż-żona ġeografika.

Dawn id-differenzi lingwistiċi jinsabu f'Malta minkejja ċ-ċokon ta' pajjiżna. Filwaqt li ċerti ismijiet antiki baqgħu jippersistu sal-lum għax baqgħu jagħmlu sens jew għax m'hawnx ħliefhom, ċerti ismijiet inbidlu u l-forom bikrin tagħhom intesew. Oħrajn qegħdin jinħolqu għal skop formali u uffiċjali biex kemm jista' jkun tintuża l-lingwa Maltija. Il-bidla fl-ismijiet x'aktarx ġiet minħabba influwenzi lingwistiċi mir-Rumanz u l-Ingliż fuq il-Malti. Eżempju klassiku huwa dak tal-mazzarell, li huwa l-isem uffiċjali bil-Malti għall-dragonfly. Fl-antik kien jissejjaħ Ċikku Ġwiebi għax kien u għadu jinstab viċin xi ġiebja, u f'xi nħawi kien magħruf bħala l-mewt għax huwa predatur. Imbagħad sar iktar magħruf bħala ħelikopter, peress li dan l-insett kapaċi jtir fl-istess post għal tul ta' ħin. Però l-isem uffiċjali, li fil-verità ma tantx jitlissen, oriġina mill-kelma Taljana mazzarello. Kważi kull speċi ta' mazzarell li għandna f'Malta jieħu dan in-nom ma' kliem ieħor, bħal Mazzarell Vjola (*Trithemis*



Erika multiflora


Brimba tal-Widien


Akara t'Esther


Fjamma

annulata), Mazzarell Aħmar (*Crocothemis erythraea*), Mazzarell Ikħal (*Orthetrum brunneum*) u Mazzarell Sultan Dehbi (*Anax ephippiger*). Fl-għasafar, l-isem Ta' Denbu Aħmar (*Phoenicurus* sp.) li għadna nisimgħuh, sar jissejjaħ ukoll bl-isem Kudirross. Dan l-isem ġej mit-Taljan cudirosso, u jfisser l-istess bħall-ewwel isem. Kudirross ġie mibdul uffiċjalment għal Fjamma, li hija forma mqassra tal-isem użat f'Għawdex, jiġifieri Fjammarell. Madankollu, it-tliet ismijiet baqgħu jintużaw. Filwaqt li dawn l-ismijiet jagħmlu xi forma ta' sens, ismijiet oħrajn ma tantx jagħmlu sens, jew mhumiex faċli biex tifhimhom illum, bħal Għakrux Raġel (*Cornu aspersum*), li huwa l-bebbuxu komuni li jittiekel. Dan l-isem ma jirriflettix il-fatt li kull bebbuxu individwalment għandu ż-żewġ sessi f'daqqa. Fil-fatt l-Għakrux Mara (*Eobania vermiculata*) jirreferi għal speċi oħra. Il-Bebbuxu, l-iktar isem li jintuża, joriġina mill-Għarbi-Sqalli 'babbaluciu'.

Il-pjanti mhumiex neqsin minn nomenklatura diversa u avventuruża. Peress li l-bniedem għandu tendenza kbira li jxebbah l-affarijiet ma' oħrajn li diġà hu familjari magħhom, ħafna mill-ismjiet tal-pjanti huma antropomorfiċi, jew relatati mal-annimali. Eżempju ta' isem antropomorfiku huwa Papoċċi Ħomor (*Antirrhinum tortuosum*) li bl-Ingliż tissejjaħ Greater Snapdragon, pjanta komuni viċin it-toroq fir-raba' f'Malta. L-immaġinazzjoni tal-bniedem hija fertili u waslet saħansitra biex xi ħaġa li jilbes tinfluwenza isem ta' fjura. L-isem Ingliż huwa pjuttost mitoloġiku għax jirreferi għal xi forma ta' dragun. Isem ieħor li huwa antropomorfiku huwa Ħobbejż (*Lavatera* sp.;*Malva* sp.) għax il-frotta għandha forma ta' ħobża żgħira. Pjanti oħrajn ġew deskritti bl-isem ta' xi annimal jew tal-partijiet tal-ġisem tiegħu, ngħidu aħna Qanfuda (*Chicorium spinosum*), Beżżul il-Baqra (*Sedum caeruleum*), Sieq il-Ħamiem


Fjura tal-Leblieba tal-irdum


Gerwiela


Għakrux Mara

(*Fedia graciflora*) u Sieq il-Brimba (*Nigella damascena*) li għadhom jintużaw. Mill-banda l-oħra, ismijiet bħal Bajdiet il-Fenek m'għadhomx jintużaw, u sirna nużaw Orkidi. Xi wħud mill-Orkidi nirreferu għalihom bħala Ħajja u Mejta. L-isem Orkida huwa l-verżjoni Griega antika ta' Bajdiet. Xi wħud mill-ispeċi ta' pjanti għandhom diversi ismijiet. *Erica multiflora* għandha ħames ismijiet bil-Malti: Erika, Savina, Isopu, Sagħtar Aħmar u Leħjet ix-xiħ. *Nerium oleander* għandha tlieta: Id-Dilfa, Olejandru, u Siġra tal-Wirdien.

Ċerti ismijiet jirriflettu l-pajjiż jew il-lokalità fejn probabbilment l-organiżmu ġie deskritt l-ewwel darba. Xi ftit mill-ispeċi endemiċi huma l-iktar ovvji, bħas-Sempreviva t'Għawdex (*Helichrysum panoritanum* subsp. *melitense*), Limonju ta' Malta (*Limonium melitense*), Ġiżi ta' Malta (*Matthiola incana* subsp. *melitensis*), Gremxula ta' Malta (*Podarcis filfolensis*), u l-Bugeddum t'Għawdex (*Crocidura sicula* subsp. *calypso*). Mhux kull speċi li għandha l-isem Malta jew Għawdex hija endemika, bħal Broxka t'Għawdex (*Ononis natrix* subsp. *ramossima*), Ramlina Għawdxija (*Rhodalsine geniculata*), il-Melitella (*Crepis pusila*) u x-Xewk Malti (*Centaurea melitensis*), li huma indiġeni, u nstabu jew ġew deskritti l-ewwel darba f'Malta fid-dinja. Dan huwa l-każ għax-Xewk Malti u l-Melitella, li mbagħad instabu postijiet oħra fid-dinja. Xi wħud huma iktar komuni f'Għawdex milli f'Malta, u, għalhekk, ħadu l-isem 'Għawdex'. Xi speċi endemiċi u indiġeni għandhom ismijiet relatati mal-ambjent li jgħixu fih, bħal Widnet il-Baħar (*Cheirolophus crassifolius*), Bjanka tal-Irdum (*Atriplex lanfrancoi*), Leblieb tal-Irdum (*Convolvulus oleifolius*), Tengħud tax-Xagħri (*Euphorbia melitensis*), Tengħud tar-Ramel (*Euphorbia paralias*), Nixxief tal-isteppa (*Stipa capensis*), Ħanżir l-Art tal-Makkja (*Porcellio laevis*), u l-Brimba tal-Widien (*Argiope lobata*).


Leblieba tal-Irdum

Isem ta' speċi jista' joriġina minn personaġġi magħrufin jew minn qaddisin, fosthom il-Bastun ta' San Ġużepp jew il-Bastun ta' San Filep (fir-Rabat), li jista' jirreferi għal xi speċi ta' ġilju, jew għal *Alcea rosea* (Hollyhock), Xewk ta' Kristu (*Carthamus lanatus*), Xewk tax-Xitan (*Notobasis syriaca*), u Xuxet San Ġwann jew Swaba' tal-Madonna (*Carpobrotus* sp.) Eżempji oħra huma l-Brimba Qabbeżija ta' Schembri (*Aelurillus schembrii*) – speċi endemika għal Malta u Sqallija, imsemmija għal xjentist lokali – filwaqt li Akara ta' Esther (*Geckobia esterae*) hija msemmija għal naturalista Maltija.

Ismijiet oħra huma bbażati fuq kif l-organiżmi jgħixu, bħal Qerd in-Naħal (*Merops apiaster*), għax jeqred in-naħal, Kaċċamendula (*Lanius senator*) għax tikkaċċja għasafar oħra,


Mazzarell Vjola


Papoċċi Ħomor


Sempreviva t'Għawdex


Sieq il-brimba


Xaħmet l-Art


Xewk Malti

u Ċervjola (Carangidae) li joriġina minn ċerva, li huwa annimal li jaqbeż meta jiġri, u din il-ħuta ġġiegħel ħut ieħor jaqbeż barra mill-ilma. L-isem jista' jiġi fis-seħħ meta l-organiżmu jintuża dirett mill-bniedem. Każ partikolari li donnu huwa folkloristiku huwa x-Xaħmet l-Art (*Chalcides ocellatus*), wieħed mir-rettili slavaġ fil-Gżejjer Maltin, li kien jinqatel lokalment għax-xaħam tiegħu biex tinħoloq xi forma ta' mediċina.

Interessanti wkoll kif l-istess speċi jista' jkollha ismijiet differenti skont l-istadju ta' ħajjitha, jew skont id-daqs. Ngħidu aħna nsibu ż-Żibġa li tikber f'Gerwiela, li mbagħad issir Xilpa (*Sarpa salpa*), u l-Bubinu, li jsir Bubin, imbagħad Mulett u fl-aħħar Kaplat (*Mugil cephalus*).

Minkejja s-sbuħija ta' ismijiet ikkuluriti u differenti, din ukoll tista' toħloq konfużjoni u diżgwit f'argumenti meta niġu biex nidentifikaw xi speċi partikolari. L-istess isem fi bnadi differenti jista' jirreferi għal speċi differenti. Eżempju tipiku huwa Sultan il-Gamiem li f'Malta jirreferi għal Great Spotted Cuckoo (*Clamator glandarius*) u f'Għawdex jirreferi għall-Farruġ (*Coracias garrulus*). Għalhekk inħoloq l-isem xjentifiku, magħruf ukoll bl-isem Latin, li huwa l-isem uffiċjali tal-ispeċi madwar id-dinja kollha u li huwa rikonoxxut bih globalment. Anke l-bniedem għandu isem xjentifiku fil-fatt nirreferu għalih bħala *Homo sapiens*. Madankollu, anke dan jista' jinbidel matul iż-żminijiet minħabba riċerki ġenetiċi ġodda bejn diversi speċi tal-istess gruppi ta' organiżmi. L-ismjiet xjentifiċi huma bbażati fuq is-sistema binomenklaturali tal-ispeċi, li hija magħmula mill-ġeneru u l-ispeċi. Din is-sistema nħolqot minn Carl Linnaeus, botaniku Żvediż tas-seklu tmintax. Ismijiet xjentifiċi għandhom oriġini Latina, però influwenzati wkoll mill-Grieg, mit-Taljan, u mill-Ingliż.

Tajjeb li nkunu nafu li bħal-lingwa, l-ismijiet jinbidlu wkoll, imma l-ismijiet Maltin għandhom jiġu kkunsidrati bħala wirt lingwistiku u storiku għal pajjiżna.

Ħoloq

**http://www.ilmiklem.com/encyclopedia**

**http://naturalmalta.blogspot.com/2013/02/stalking-jumping-spiders.html**

**sciberrasandsciberras.eu/wp-content/uploads/2008/SCIBERRAS-A.-2008-Nota-fuq-in-Nomenklatura-tal-Mazzarelli-Li-ghawn-idukumentati-fil-Gzejjer-Maltin.-L-Imnara-91-Harga-numru-32-42-44.pdf**

**https://en.wikipedia.org/wiki/Carl_Linnaeus**

# Titwila lejn **is-settur organiku**

Kitba ta'
**JESSAMINE AGIUS**
*Uffiċjal Agrikolu*

**GARETH SAMMUT**
*Uffiċjal Agrikolu Anzjan, fi ħdan is-Sezzjoni ta' Kwalità*

**Dawn l-aħħar snin il-konsumaturi Ewropej qed jonfqu d-doppju fi prodotti organiċi. Madankollu l-ammont ta' bdiewa Maltin li qed ikabbru jew qegħdin fil-proċess li jibdew ikabbru b'mod organiku, għadhom ferm 'il bogħod biex jilħqu d-domanda tal-konsumatur.**



Dwieli organiċi

Ħafna drabi l-bdiewa jaqtgħu qalbhom biex jaqilbu għal sistema organika minħabba li din il-prattika jqisuha bħala sfida oħra ma' dawk li diġà għandhom sabiex jikkompetu fis-suq, speċjalment meta tikkunsidra s-sitwazzjoni lokali fejn is-suq jiddependi ħafna fuq l-importazzjoni.

Fid-disgħinijiet u anke fil-bidu tas-snin elfejn, l-akbar uġigħ ta' ras għall-bidwi Malti kien kif se jikkompeti bil-kwantità u bid-dehra tal-prodott. Iżda llum il-ġurnata l-konsumatur Ewropew qed jagħżel il-kwalità aktar minn qatt qabel. Dan għaliex qed iżid l-għarfien fuq il-benefiċċji ta' prodotti organiċi peress li l-produzzjoni tal-ikel issir permezz ta' metodi u l-użu ta' sustanzi naturali. Dan ifisser li l-biedja organika taħdem id f'id mal-ambjent u tħalli inqas impatt fuq in-natura, li għaldaqstant tkompli tħeġġeġ l-għażla għal biedja organika.

It-total ta' art fil-Gżejjer Maltin żgur mhux biżżejjed biex ilaħħaq mad-domanda tal-konsumatur, meta tikkonsidra l-popolazzjoni u d-domanda tas-settur turistiku. Fuq dan il-fatt il-biedja organika toffri vantaġġ kompetittiv fuq il-produzzjoni li ġejja minn biedja konvenzjonali, billi l-bidwi jkun qed ibigħ il-prodott tiegħu f'suq ġdid fil-lokal stess.

Meta niġu għat-tkabbir b'mod organiku, ħafna jaħsbu li din il-prattika tirrikjedi xi investiment kbir. Dan mhux il-każ. Fil-fatt, statistika dinjija turi li s-sistema organika, meta mqabbla mas-sistema konvenzjonali, hija aktar sostenibbli, kemm finanzjarjament, kif ukoll minn aspett ambjentali. Naturalment meta l-konsumatur qed jagħżel prodott imkabbar b'mod organiku se jkun qed iħallas aktar, iżda dan bl-ebda mod ma jfisser li, sabiex tkabbar, fih aktar spejjeż. It-tkabbir b'mod organiku jrid aktar attenzjoni, iżda huwa s-suq li jiddetermina l-prezz. Meta prodott ikun ftit skars u d-domanda għalih tkun għolja, il-prezz se jogħla għax hekk jaħdem is-suq. Il-Malti jgħid: is-suq isuq.

Fuq kollox hemm l-aspett ambjentali, li l-konsumatur ta' prodotti organiċi jkun qed iħares lejh. Fost il-fatturi hemm li wieħed ikun qed jikkonsma prodotti sani mingħajr l-użu ta' kimika sintetika, kif ukoll numru ta' vantaġġi ekoloġiċi, fosthom l-użu ta' ħxejjex reżistenti għan-nixfa u ż-żamma ta' ħamrija aktar b'saħħitha.

## Proċessi u ċertifikazzjoni

Tajjeb li wieħed jinnota li l-biedja organika hija wkoll parti minn katina li tinkludi l-ipproċessar tal-ikel, it-tqassim u l-bejgħ, u kif ukoll



l-importazzjoni. Il-proċessuri, il-bejjiegħa, u anki d-distributuri għandhom jiġbdu l-istess ħabel tal-bidwi. Fi kliem ieħor dawn iridu jwasslu l-ikel frisk u anke pproċessat b'mod ġenwin li jirrispetta n-natura u s-sistema tagħha.

Għalhekk il-proċess taċ-ċertifikazzjoni jmur ferm aktar 'il bogħod minn sempliċement ċertifikazzjoni tal-produzzjoni fil-livell primarju. Fil-fatt hemm diversi kategoriji ta' dan ix-xogħol u dawn jinkludu:

- Produttur Organiku
- Bejjiegħ bl-Imnut Organiku
- Bejjiegħ bl-Ingrossa Organika
- Proċessur Organiku
- Importatur Organiku
- Negozjanti Organiċi

Dan ifisser li sabiex wieħed ikun jista' jipproduċi, jipproċessa, ibigħ, jimporta jew jinnegozja xi prodotti mmarkati bħala organiċi jkollu bżonn iċ-ċertifikazzjoni bħala operatur organiku. Din iċ-ċertifikazzjoni toħroġ mingħand l-Awtorità ta' Kontroll jew Korpi ta' Kontroll li jkunu rikonoxxuti u awtorizzati mill-Awtorità Kompetenti. Fil-każ ta' Malta l-Awtorità Kompetenti hija d-Direttorat tal-Agrikoltura fi ħdan id-Dipartiment tal-Affarijiet Rurali u sal-lum l-Awtorità Maltija għall-Kompetizzjoni u l-Affarijiet tal-Konsumatur (MCCAA) hija l-unika awtorità rikonoxxuta biex tagħmel il-kontrolli.

L-importaturi li huma ċċertifikati bħala organiċi għandhom bżonn jirreġistraw mat-Trade Control and Expert System (TRACES), sabiex għal kull konsenja li jġibu minn pajjiżi terzi (barra mill-Ewropa), il-proċess taċ-ċertifikat (COI) jibda minn fuq is-sistema elettronika minn qabel mal-konsenja titlaq mill-pajjiż terz. Barra minn hekk, l-importaturi jridu javżaw id-Direttorat tal-Agrikoltura kif ukoll lill-MCCAA bid-data ta' meta x-xogħol ikun se jasal Malta għal kull konsenja importata. Is-settur organiku huwa strettament regolat u jgawdi minn fiduċja kemm fit-trasparenza kif ukoll fil-kwalità tal-prodott minħabba s-sensiela ta' kontrolli li jsiru skont ir-Regolamenti miż-żewġ Awtoritajiet tul il-katina kollha.

Id-dinja miexja dejjem aktar lejn l-ikel organiku, speċjalment il-ġenerazzjoni żagħżugħa. Dan qed iwassal għal aktar opportunitajiet finanzjarji u inċentivi biex jippromovu t-tkabbir organiku. Kun inti wkoll parti minn din il-mixja. F'każ li tixtieq aktar informazzjoni jew inti interessat li tapplika għal ċertifikazzjoni bħala operatur organiku tista' tibagħtilna fuq: **ikeltakwalita.mafa@gov.mt.**



# Inizjattiva mid-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali waqt l-imxija tal-COVID 19

Miktub minn
ROBERT CUTAJAR
*Prinċipal fi ħdan id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali*

Id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali jaħdem kontinwament biex b'ħidmietu joffri servizz effiċjenti u effettiv lill-pubbliku inġenerali. Id-Direttorat qed jara wkoll kif bis-servizzi tiegħu jkun qed iwassal kull informazzjoni u għajnuna li l-poplu Malti u Għawdxi jistenna f'dak kollu li għandu x'jaqsam mal-ħarsien tal-annimali f'pajjiżna.

Iż-żminijiet diffiċli li għaddejjin minnhom f'pajjiżna, bħall-kumplament tad-dinja kawża tal-imxija tal-Covid 19, ma waqqfux lid-Direttorat milli, mhux biss ikompli bil-ħidma normali tiegħu, iżda li jgħin lil dawk il-persuni li jkunu qed jintlaqtu direttament mis-sitwazzjoni u ċ-ċirkostanzi li ħolqitilhom l-istess COVID 19. Konxju miċ-ċirkostanzi straordinarji li qed ngħixu fihom f'dawn il-ġranet, id-Direttorat nieda inizjattiva sabiex jgħin u jkun ta' sapport għal dawk il-persuni li għandhom kelb jew qattus u li jgħixu f'darhom waħidhom. F'każ li dawn il-persuni jinħtiġilhom li jkunu rikoverati fl-isptar minħabba l-virus inkwistjoni, id-Direttorat se jkun qed joffri li jżomm u jieħu ħsieb dawn l-annimali b'mod temporanju, sakemm il-persuna tirritorna f'darha. Għal aktar informazzjoni dwar dan is-servizz wieħed jista' jagħmel kuntatt direttament mal-uffiċjali tad-Direttorat billi jċempel fuq in-numru 1717.

Tajjeb wieħed ifakkar li dan is-servizz telefoniku, 1717, ser ikompli wkoll jaqdi l-funzjoni ta' One Stop Shop b'mod regolari għall-pubbliku inġenerali. Dan huwa servizz mogħti mid-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali 24 siegħa kuljum, sebat ijiem fil-ġimgħa fejn wieħed ikun jista' jitlob informazzjoni jew jgħaddi rapporti marbuta mal-ħarsien tal-annimali f'pajjiżna.



### Inizjattivi fuq il-midja soċjali għal waqt ix-xhur tas-sajf

Matul l-aħħar snin id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali dejjem kien parteċipi waqt l-attività SkolaSajf. Għal din is-sena, id-Direttorat ressaq proposti lill-Fondazzjoni għas-Servizzi Edukattivi (FES) biex f'każ li l-imxija tal-Coronavirus tippersisti, min-naħa tad-Direttorat xorta se nkunu kommessi u disponibbli li nagħtu s-sehem tagħna permezz tal-midja soċjali jew inkella b'mod virtwali. Dettalji dwar din l-inizjattiva u b'liema mod se nkunu qed inwasslu dejjem aktar informazzjoni, għarfien u edukazzjoni dwar il-ħarsien tal-annimali se jkunu qed jitħabbru fil-ġimgħat li ġejjin wara li d-Dipartiment tal-Edukazzjoni jkun ħa d-deċiżjoni tiegħu b'liema mod ser tkun qed tiġi organizzata l-edizzjoni ta' din is-sena ta' SkolaSajf.




# Applikazzjonijiet 2020

Miktub minn
SAMUEL SCIBERRAS
*Trainee, Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali*

F'din il-ħarġa ta' Nisġet Artna se nagħtu ħarsa lejn il-perjodu tal-applikazzjonijiet 2020 li nfetħu mill-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA), fi ħdan il-Ministeru għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali (MAFA), sabiex jintlaqgħu talbiet għall-pagamenti għas-sena 2020 taħt diversi skemi kofinanzjati mill-Unjoni Ewropea u l-Gvern Malti.

Madwar 6,500 applikazzjoni għall-pagamenti ġew milqugħa bejn l-Erbgħa l-1 ta' April u l-Ġimgħa 15 ta' Mejju, 2020 taħt l-iskemi li ġejjin:

- Pagamenti Diretti
- Miżuri Agro-Ambjentali-Klima 2014-2020 (AECMs)
- Miżuri ta' Biedja Organika 2014-2020
- Għajnuna għal Żoni b'Restrizzjonijiet Naturali 2014-2020 (ANC)

Tajjeb ngħidu li din is-sena, l-Aġenzija għamlet numru ta' bidliet sabiex tiffaċilita l-proċess tal-applikazzjoni għall-bdiewa, u fl-istess ħin tiżgura li jsiru l-prekawzjonijiet neċessarji minħabba ċ-ċirkostanzi eċċezzjonali kkawżati mill-firxa tal-COVID-19 fl-Ewropa.

L-applikazzjonijiet tal-2020 kollha riedu jiġu mibgħuta bil-posta jew online, u ma ġewx aċċettati ġewwa l-Front Office sabiex jiġi minimizzat il-kuntatt soċjali kemm jista' jkun, kif indikat mill-awtoritajiet tas-saħħa pubblika. Għaldaqstant, mal-ittra u l-applikazzjoni mibgħuta lill-bdiewa Maltin u Għawdxin, ġie inkluż ukoll envelope bl-indirizz tal-Front Office u bil-posta mħallsa għar-ritorn. Kif semmejna hawn fuq, bħal kull sena l-bdiewa ġew imħeġġa wkoll li japplikaw online mis-sit tal-Aġenzija, dejjem jekk jistgħu jew jekk isibu ftit għajnuna. Dawk li ssottomettew l-applikazzjoni online ma ġewx mitluba jibagħtu l-applikazzjoni bil-posta peress li l-applikazzjoni tagħhom ġiet milqugħa awtomatikament fis-sistema tal-ARPA.

Barra minn hekk, matul il-perjodu tal-applikazzjonijiet, l-Aġenzija estendiet il-ħin tas-servizz telefoniku mill-Front Office sas-sitta ta' filgħaxija, biex b'hekk l-applikanti ġew mogħtija servizz iżjed konvenjenti għalihom.

Tajjeb insemmu wkoll li, flimkien mal-applikazzjoni, intbagħtet ittra separata maħruġa mill-Awtorità ta' Tmexxija - *The Declaration in Relation to Training and Advisory Services linked to RDP 2014-2020,* lil dawk li daħlu f'impenn agro-ambjent-klima (AECM) mill-2018 'il quddiem. Dawk li ffirmaw dan id-dokument taw permess lill-Awtorità ta' Tmexxija sabiex tgħaddi d-dettalji tal-bdiewa lill-fornituri tas-servizz ta' taħriġ u ta' konsulenza rikonoxxuti. Dan sar bil-għan li kull min ibbenefika taħt waħda mill-AECMs ikun jista' jieħu s-servizzi meħtieġa sabiex jissodisfa l-obbligi rilevanti, li huma mandatorji u allura fl-interess tal-bidwi li jimxi magħhom. Ġiet inkluża wkoll ittra oħra b'informazzjoni dwar il-Miżura 4.1 (Għajnuna għall-investimenti f'azjendi agrikoli) maħruġa mill-Awtorità ta' Tmexxija.

Dawn it-tibdiliet kollha saru biex inkomplu s-simplifikazzjoni favur il-bidwi u biex jibqa' effiċjenti l-proċess ta' sottomissjoni tal-applikazzjoni tal-2020, filwaqt li fl-istess ħin jiġu osservati d-direttivi maħruġa mill-Awtoritajiet tas-Saħħa Pubblika biex tikkumbatti l-firxa tal-COVID-19. Għaldaqstant l-Aġenzija tixtieq tirringrazzja lill-bdiewa u r-raħħala kollha tal-koperazzjoni tagħhom matul dan iż-żmien. Tirringrazzja wkoll lil dawk il-membri kollha tal-istaff tagħha li b'impenn kbir taw sehemhom biex nilqgħu din l-isfida flimkien mal-klijenti għeżież tagħna.

Għal aktar informazzjoni wieħed jista' jżur is-sit elettroniku tal-Aġenzija www.arpa.gov.mt. Barra minn hekk, wieħed jista' wkoll iċempel lill-Front Office tal-Aġenzija fuq 22 92 61 48 (Malta) jew 22 15 69 74 (Għawdex), jew jibgħat email lill-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali fuq arpa.mesdc@gov.mt.


It-3 irħula f'Malta u Għawdex bl-ogħla
ammont ta' baqar li jipproduċu l-ħalib
huma ta'Sannat, iż-Żejtun u s-Siġġiewi
agħżel il-bnin, agħżel il-frisk


Aktar minn 30% tal-frott
taċ-ċitru li jgħaddi mill-Pitkalija
jiġi prodott f'Għawdex
agħżel il-bnin, agħżel il-frisk


L-ogħla
konċentrazzjoni ta'
dwieli tinsab
fil-madwar tar-Rabat,
l-Imġarr u s-Siġġiewi
agħżel il-bnin, agħżel il-frisk


Madwar 475 ettaru
ta' art agrikola
f'Malta u Għawdex
tintuża mill-bdiewa
għall-kultivazzjoni tad-dwieli
agħżel il-bnin, agħżel il-frisk


Malta u Għawdex
jipproduċu aktar
minn 100,000 litru
ta' ħalib frisk kuljum
agħżel il-bnin, agħżel il-frisk


Aktar minn 20%
tal-ħjar li jgħaddu
mill-Pitkalija jiġu
prodotti f'Għawdex
agħżel il-bnin, agħżel il-frisk


Aċċol, Kavall, Sawrell, Merluzz, Raja Lixxa, Kaħli, Spnott u Awrat huma kollha ħut misjuba fl-ibħra Maltin
agħżel il-bnin, agħżel il-frisk


Il-Punent ta' Malta huwa magħruf għall-akbar kwantita' ta' karrotti li jgħaddu mill-Pitkalija
agħżel il-bnin, agħżel il-frisk


Qabel l-introduzzjoni tar-reġistrazzjoni moderna, l-kuluri tal-luzzu kienu jindikaw il-port ta' kull dgħajsa
agħżel il-bnin, agħżel il-frisk


L-akbar konċentrazzjoni ta' nagħaġ u mogħoż f'Malta u Għawdex tinsab fis-Siġġiewi
agħżel il-bnin, agħżel il-frisk


Il-maġġoranza kbira tal-qaqoċċ li jgħaddi mill-Pitkalija huma mkabbra fit-Tramuntana ta' Malta
agħżel il-bnin, agħżel il-frisk


Madwar 174 ettaru ta' art f'pajjiżna tintuża mill-bdiewa għall-kultivazzjoni taż-żebbuġ, ekwivalenti għal aktar minn 300 grawnd tal-futbol
agħżel il-bnin, agħżel il-frisk

# Il-Lampuka
# *Coryphaena hippurus*



Dan l-artiklu nkiteb minn
HAZEL FARRUGIA, NAIM GRIXTI U LUCA PISANI
*Uffiċjali Xjentifiċi fi ħdan id-Dipartment tas-Sajd u Akkwakultura*

**Il-lampuka, ħuta ferm popolari mal-Maltin, issibha f'ibħra tropikali u subtropikali madwar id-dinja, fosthom fl-Oċean Paċifiku, fl-Atlantiku, fl-Indjan, u kif ukoll fil-Baħar Mediterran. Il-lampuka tgħix fil-faxxa ta' fuq tal-baħar, viċin il-wiċċ tal-ilma, magħrufa bħala ż-żona pelaġika.**

Il-lampuka hija meqjusa bħala ħuta migratorja li tpassi mal-kurrenti ta' temperaturi sħan, simili għall-ħut pelaġiku ieħor. Sabiex il-lampuka tkun tista' tpassi, żviluppat denb magħruf bħala fork tail u ġisem kemxejn dejjaq u relattivament twil sabiex tkun aktar idrodinamika u għalhekk tkun tista' tgħum b'aktar aġilità.

Fil-Ibħra ta' madwar il-Gżejjer Maltin, il-lampuka tkun preżenti minn Mejju sa Diċembru, meta l-maltempati tax-xitwa jkunu kkalmaw jew naqqsu u t-temperaturi ta' wiċċ il-baħar ikunu bdew jogħlew. L-ewwel individwi ta' din l-ispeċi li jidhru fl-ibħra tagħna jkunu adulti maturi li jkollhom il-kapaċità li jirriproduċu. Dawn tipikament ikunu ta' 'l fuq minn kilo fil-piż; il-ġenb tal-lampuka jkun ta' lewn dehbi jlellex, filwaqt li d-dahar ikun ta' lewn blu u aħdar vibranti. Għalkemm l-irġiel u n-nisa maturi spiss ikunu simili fid-daqs u fil-kulur, dawn jistgħu jiġu distinti mill-forma tar-ras; ir-raġel jiżviluppa forma ta' gundalla fuq rasu magħrufa bħala bull head, filwaqt li r-ras tal-mara tkun iktar għat-tond u iżgħar minn dik tar-raġel [Gatt, M., Dimech, M., & Schembri, P. J. (2015)].




L-iskema tal-kannizzati, qabel u wara l-1960
(adattat minn Farrugia Randon, 2004)

Fil-perjodu ta' bejn Ġunju u Ottubru, il-lampuki maturi jibdew jippreparaw biex jirrilaxxaw il-bajd. Il-lampuki nisa jistgħu jbidu sa massimu ta' 195,000 bajda matul kull att ta' riproduzzjoni. Meta l-bajd ifaqqas, il-frieħ jibdew jieklu mill-ewwel u jikbru b'mod mgħaġġel ħafna. Il-lampuki żgħar jikbru b'rata għolja ħafna ta' 5.1 mm kuljum, però din ir-rata tibda tonqos meta l-ħut jikber fl-età. Ġeneralment il-lampuki jilħqu tul ta' metru sal-aħħar tal-ewwel sena tagħhom. Il-lampuki huma predaturi li jieklu varjetà kbira ta' annimali oħra, fosthom kavalli, sawrell u saħansitra lampuki iżgħar.

F'Malta, il-lampuki jinqabad b'żewġ tipi differenti ta' rkaptu. Fil-bidu tal-istaġun, lampuki kbar ġieli jinqabdu bil-konzijiet tal-qiegħ bħala qabda aċċidentali (by-catch) fis-sajda tat-tonn u l-pixxispad. Fil-perjodu minn Awwissu sa Diċembru jsir is-sajd primarju tal-lampuki, li jinqabdu permezz ta' rkaptu tradizzjonali magħruf bħala kannizzata. Dan l-irkaptu huwa magħmul minn lenza twila li tkun marbuta ma' kantun tal-franka f'qiegħ il-baħar (sabiex isservi bħala ankra), u ma' sufra fil-wiċċ tal-ilma, marbutin flimkien ma' weraq tal-palm. Il-kannizzati jipprovdu sors ta' kenn għal diversi speċi ta' ħut; għaldaqstant il-lampuki jinġabru f'numri kbar taħt il-kannizzati sabiex jieklu l-ħut iż-żgħir u jistkennu mix-xemx.

Wara li jkun inġabar il-ħut taħt il-kannizzati, is-sajjieda jitfgħu rixa viċin il-kannizzata. Meta lampuka tinqabad, din teħel mar-rixa u tinġibed ftit 'il barra mill-kannizzata biex iġiegħlu l-ħut l-ieħor joħroġ warajha. Din il-proċedura ssir sabiex is-sajjieda jkollhom stima ta' kemm inġabru lampuki madwar dik il-kannizzata, u jiddeċiedu jekk ikalawx ix-xibka jew inkella jmorrux fuq il-kannizzata li jmiss. Biex jinqabdu l-lampuki, il-ħut jiġi mdawwar b'xibka li tingħalaq mill-qiegħ sabiex il-lampuki ma joħorġux.

Id-Dipartment tas-Sajd u Akkwakultura jagħmel monitoraġġ ta' din l-ispeċi billi jiġbor informazzjoni bijoloġika u soċjoekonomika dwar l-attività tas-sajd għal-lampuki mill-flotta tas-sajd Malti. Kampjuni ta' lampuki jinxtraw mill-pixkerija, fejn imbagħad jittieħdu fil-laboratorju għar-riċerka, fejn jittieħed il-piż, it-tul tal-ħut (kemm tul totali, kif ukoll tul tal-ħuta li tasal sad-denb, magħruf bħala l-fork length), is-sess u l-istadju tal-maturità. Din l-informazzjoni tiġi ddokumentata sabiex tintuża għal diversi għanijiet. Informazzjoni importanti oħra li tinġabar hija l-età tal-ħuta, li tiġi miksuba permezz ta' studji xjentifiċi fuq l-għadma tal-widna tal-ħuta, magħrufa bħala otolith.

Din l-informazzjoni tiġi pproċessata u sottomessa lill-Kummissjoni tal-Unjoni Ewropea, sabiex jintlaħaq l-għan tal-immaniġġjar sostenibbli bejn l-Istati Membri u sajjieda tal-Mediterran li jistadu għal din l-ispeċi b'mod kummerċjali.

Ħajr lil Mark Gatt, Uffiċjal Xjentifiku fi ħdan id-Dipartment tas-Sajd u Akkwakultura.









# SIMTAP: Self-Sufficient Integrated Multi-Trophic AquaPonic Systems for Improving Food Production Sustainability, Brackish Water Use and Recycling

Miktub minn
**KYLE SPITERI** *Uffiċjal Agrikolu*
**MATTHEW TABONE** *Chief Scientific Officer*

Il-proġett SIMTAP, imfisser aħjar bħala "Self-sufficient Integrated Multi-Trophic AquaPonic system," jikkonsisti fi tkabbir ta' ħxejjex u ħut bl-użu ta' ilma salmastru ġo sistemi innovattivi bħal Hydroponics.


Struttura simili kif se tkun maħduma ġewwa l-Għammieri

Is-SIMTAP huwa wieħed mill-ħafna proġetti madwar l-Ewropa li qed jiġi ffinanzjat mill-Unjoni Ewropea taħt is-sezzjoni tal-Prima 2018 għal sistemi tat-tkabbir. Dan il-proġett hu ppjanat li jkollu baġit ta' madwar €950,000, maqsumin bejn l-imsieħba li qegħdin jipparteċipaw f'dan il-proġett. Is-SIMTAP huwa mmexxi mill-Università ta' Pisa, bil-kollaborazzjoni tal-Università ta' Bolonja u l-Università ta' Milan, flimkien ma' istituzzjonijiet oħra minn pajjiżi Mediterranji, fosthom Sol Agro et Hydrosystème Spatialisation u Lycée de la Mer et du Littoral à Bourcefranc le Chapus minn Franza, Korolev Gmbh mill-Ġermanja, l-istitut tar-riċerka tas-sajd u taħriġ mit-Turkija, u fl-aħħar u mhux l-inqas, il-Ministeru għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali.

Dal-proġett ra l-bidu tiegħu fl-ewwel ta' Ġunju tal-2019 u qed ikun iffukat fuq riċerka innovattiva fuq sistema magħluqa tat-tkabbir tal-ħxejjex fl-ilma bl-użu ta' ilma salmastru u tkabbir ta' diversi alga u speċi tal-baħar oħrajn. Dan il-proġett għandu tul ta' madwar tliet snin u ser ikun qed isir ġewwa ċ-ċentru ta' riċerka agrikola fl-Għammieri.

L-Għan speċifiku ta' dan il-proġett huwa li jiddefinixxi, ifassal, iwaqqaf u jittestja sistema innovattiva kif wieħed jipproduċi ikel għall-konsum tal-bniedem, fejn l-iskart minn sistema jiġi materja prima għal sistema oħra. Dan il-kunċett huwa aktar magħruf bħala Ekonomija Ċirkulari. Is-SIMTAP qed jippjana li jipproduċi diversi prodotti, primarjament prodotti veġitattivi u tal-baħar li joffru s-sigurtà mixtieqa għall-konsum tal-bniedem. Barra minn hekk, din is-sistema qed timmira li tnaqqas l-użu tal-materja prima bħalma huwa l-ikel tal-ħut, użu ta' fertilizzant, ilma u enerġija, filwaqt li tnaqqas il-produzzjoni tal-iskart u ħmieġ ieħor li jista' jagħmel impatt negattiv fuq sistemi oħra ta' kultivazzjoni, l-ambjent u l-biodiversità. Permezz ta' din is-sistema, ilma b'salinità għolja u bi preżenza ta' metall jista' jiġi utilizzat minn organiżmi bħal batterji u alga, u b'hekk minerali u metalli jiġu rriċiklati f'ilma ta' kwalità aħjar.

Il-proġett se jevalwa l-effettività ta' sistemi bħal dawn li semmejna għall-produzzjoni tal-ikel. Se jevalwa wkoll l-effiċjenza fil-produzzjoni tal-ikel u l-użu tal-enerġija, ilma u riżorżi oħrajn. Waqt ir-riċerka ser issir evalwazzjoni oħra fuq is-sistema fejn ser jiġu analizzati l-impatti negattivi ma' sistemi oħrajn ta' kultivazzjoni ta' ħxejjex mhux fil-ħamrija, kif ukoll ma' sistemi oħrajn tat-tkabbir tal-ħut.



**Skema tal-proċessi tas-SIMTAP**

L-iskop aħħari tal-proġett huwa mixħut fuq il-produzzjoni tal-ikel sigur għall-konsum tal-bniedem, filwaqt li jirrispetta r-regolamenti tal-ħarsien tal-annimali u r-regoli ambjentali.

Għal aktar informazzjoni fuq il-proġett tistgħu taraw:
- Is-sit uffiċjali tal-proġett: https://www.simtap.eu/index.php
- Is-sit tal-proġett: https://primaobservatory.unisi.it/en/projects/simtap-self-sufficient-integrated-multi-trophic-aquaponic-systems-for-improving-food-production-sustainability-and-brackish-water-use-and-recycling
- Filmat tal-proġett: https://www.youtube.com/watch?v=umHouF6tsKc

Dan il-Proġett huwa parti ffinanzjat mill-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija (MCST) permezz tal-programm tal-PRIMA, li huwa mħares mill-Unjoni Ewropea u parteċipanti oħra.

# X'inhuma l-fatturi li jiddeterminaw il-konsum **tal-majjal f'Malta?**

Miktub minn
**JOSEPH JASON ABELA**
*lekċerer fl-MCAST*


Laħam tal-majjal esibit għand tal-laħam

L-aħħar Ċensiment agrikolu jgħid li f'Malta hawn 100 razzett tal-majjal li jissupplixxi laħam tal-majjal frisk għas-suq lokali. Bejn l-2010 u l-2014 kien hemm tnaqqis ta' 32.8% fin-numru totali ta' majjal li jitrabba f'pajjiżna. Mingħajr dubju dan huwa dovut għall-għażliet li qiegħed jagħmel il-konsumatur Malti meta jiġi biex jixtri l-laħam tal-majjal. Fid-dawl ta' dan, saret riċerka sabiex tiskopri x'inhuma l-fatturi li jaffettwaw il-konsum tal-laħam tal-majjal f'Malta.

Dan l-istudju sar permezz ta' numru ta' surveys online u bl-għajnuna ta' testijiet u statistiċi varjati li għenu lir-riċerkatur jibni stampa ċara tas-sinifikat tar-riżultati miksuba.

Dan l-istudju sab li kważi 75% tal-konsumaturi jieklu l-majjal darba fil-ġimgħa filwaqt li 17% jikkunsmaw dan il-prodott bejn darbtejn u tliet darbiet fil-ġimgħa.

Interessanti r-riżultat li sab li l-maġġoranza tal-Maltin jixtru l-laħam tagħhom m'għand il-ħanut tal-laħam u dan jista' jkun minħabba li l-konsumatur Malti huwa mdorri jixtri l-laħam m'għand ħwienet ta' dan it-tip u minħabba r-relazzjoni ta' fiduċja li tkun inħolqot bejn il-konsumatur u tal-ħanut.

Riżultat ieħor interessanti jsib li l-maġġoranza tal-Maltin jaħsbu li l-laħam tal-majjal għandu ħafna xaħam anke jekk dan mhuwiex neċessarjament minnu. Apparti minn hekk, maġġoranza kbira tal-konsumaturi li rrispondew dan is-survey stqarrew li huma jsaqsu jew jaqraw fuq il-laħam tal-majjal li jkunu se jixtru u li jippreferu jixtru laħam li ma jkunx ippakkjat.

Dan l-istudju sab ukoll li aktar minn 70% ta' dawk li rrispondew dan is-survey jassoċjaw il-kulur tal-laħam mal-kwalità tiegħu filwaqt li aktar minn 80% qalu li jippreferu li jikkunsmaw il-laħam tal-majjal frisk milli dak proċessat. Apparti minn hekk, kważi 95% qablu li għalihom il-kwalità tal-laħam hija aktar importanti mill-prezz. Aktar riżultati juru li l-Maltin iridu valur tajjeb għall-flus li jkunu se jonfqu.

Riżultat interessanti juri li aktar minn 70% ta' dawk li rrispondew is-survey jemmnu li qed jikkunsmaw prodott Malti. U allura wieħed jistaqsi kif l-istatistika turi li l-produzzjoni tal-majjal f'Malta naqset. Dan jista' jkun minħabba li l-Maltin qegħdin jemmnu li l-laħam tal-majjal li qed jixtru jkun lokali meta fil-fatt ma jkunx, jew minħabba li l-Maltin qegħdin jikkunsmaw anqas majjal minn qabel. Mistoqsija oħra saqsiet jekk il-majjal li jkollu t-tikketta Majjal ta' Malta huwiex ta' kwalità għolja u hawn 88% qalu li jaħsbu li dan huwa minnu. F'mistoqsijiet relatati, jidher li l-maġġoranza tal-konsumaturi jemmnu li l-pajjiż tal-oriġini tal-laħam huwa indikazzjoni tajba tal-kwalità tal-prodott u huwa fattur importanti għalihom meta jixtru l-majjal u 90% qablu li jekk jixtru majjal lokali jkunu qegħdin jgħinu lill-ekonomija Maltija.

Dan is-survey juri wkoll li l-preżenza ta' tfal u anzjani fil-familja jaffettwaw liema qatgħat tal-majjal jinxtraw u li aktar minn nofs il-konsumaturi jieħdu pariri mill-ħbieb tagħhom meta jixtru l-laħam tal-majjal li tixhed kemm ir-riklam bil-fomm huwa importanti fil-kuntest lokali.

Dan l-istudju jixhed biċ-ċar li l-industrija għandha tiffoka l-isforzi tagħha fuq li tagħti aktar informazzjoni fuq il-prodott u fuq li żżomm – u fejn possibbli ittejjeb – il-kwalità tal-prodott sabiex tattira aktar nies biex jieklu aktar laħam tal-majjal. Huwa essenzjali li l-industrija tkompli tifhem is-suq u l-preferenzi tal-konsumatur sabiex issaħħaħ il-pożizzjoni tagħha u l-produzzjoni tal-majjal f'Malta terġa' tirpilja.

# Kappelli **marbuta mal-pesta**



Kitba ta'
**DAVID BARTOLO**
*Riċerkatur tal-Istorja ta' Malta*

**F'dan il-perjodu Malta u d-dinja kollha ta' madwarna tinsab għaddejja minn żmien imċajpar u ta' qtigħ il-qalb minħabba l-virus tal-Covid-19. F'dan l-isfond, f'din il-ħarġa ħa naraw ftit liema kienu l-kappelli li huma marbutin ma' diversi mxiji tal-pesta f'perjodi differenti u liema ħallew marka f'pajjiżna.**



Matul iż-żmien, kemm f'Malta, u kif ukoll barra minn xtutna, f'perjodi simili li saħansitra rrepetew ruħhom aktar minn darba, kien hawn diversi mxiji. Il-pesta kienet waħda minnhom. F'Malta, il-pesta feġġet fl-1592, fl-1623, fl-1655, fl-1675 u fl-1813. Tnejn mill-kbar kienu dawk tal-1675 fejn ħalliet madwar 11,300 vittma u fl-1813 fejn kienu mietu madwar 4,500 persuna. Barra dan il-flaġell, kien hawn ukoll l-influwenzi qerrieda bħall-Influwenza Ażjatika bejn l-1889 u l-1890 fejn mietu 39 persuna, u l-Influwenza Spanjola bejn l-1918 u l-1919 fejn ħalliet 807 persuni mejta.

Qaddis sinonimu mal-mard tal-pesta huwa Santu Rokku li huwa l-patrun protettur tal-epidemiji u l-pesta. Id-devozzjoni lejn dan il-qaddis f'Malta bdiet wara l-pesta tal-1592 u l-festa tiegħu tinżamm fis-16 ta' Awwissu. Fi żmien l-Ordni ta' San Ġwann, in-nies kienu jiltaqgħu l-Barrakka ta' Fuq fil-Belt fejn kienu jagħmlu festa bħall-Imnarja u kienu jieklu, jgħannu u jixxalaw, u wara jmorru l-Konkatidral ta' San Ġwann għall-Vespri. Wara, din il-festa bdiet tinżamm fir-Rabat Malta u bdew anki jsiru t-tiġrijiet f'unur dan il-qaddis. San Bastjan ukoll huwa qaddis sinonimu bħala protettur tal-pesta.



Insibu wkoll diversi kappelli sinonimi ma' dawn il-flaġelli. Fost dawn insibu dawk iddedikati lejn Santu Rokku f'Ħaż-Żebbuġ u f'Birkirkara. Kappelli oħra huma dik ta' San Katald fir-Rabat Malta, il-Kappella ta' Santa Luċija tal-Barrani f'Ħal Għaxaq u dik ta' Sarria fil-Furjana.

Fiż-żmien li ġej nagħtu ħarsa aħjar lejn dawn il-kappelli. Filwaqt li nawgura s-saħħa lil kulħadd, nittama li meta tasal din il-kitba f'idejkom, kollox ikun għadda b'wiċċ il-ġid.

# Razez domestiċi Maltin: Żewġ razez ta' wirdien

ARNOLD SCIBERRAS U JEFFREY SCIBERRAS
*Riċerkaturi fuq il-biodiversità*

**Dan l-artiklu huwa aġġornament tal-aħħar kitba li ħriġna fuq ir-razez domestiċi li ġew żviluppati lokalment. Fl-aħħar wieħed iddeskrivejna r-razza Wirdien Dehbi.**



It-tarka tal-fossa



It-tarka tas-Sampei

Żewg razez oħra li ġew żviluppati lokalment minn taħlita ta' razez domestiċi barranin u selezzjoni artifiċjali, issa ġew imsejħin Sampei u Fossa. Ir-razza Sampei ġiet imnissla minn tliet razez differenti, magħrufin Venom, White Eye u Bazinga. Wara ħafna ġenerazzjonijiet, tnisslet verżjoni iktar tonda u t-tarka (pronotum) magħmula tleqq fl-iskur ħafna, b'żewg kaxex sofor fuq in-naħa ta' wara. Din ir-razza hija msemmija wara l-laqam ta' wieħed mill-awturi (AS).

Ir-razza Fossa għandha tarka unika, b'arma sewda magħmula minn tliet ponot ta' kaxxi ma' xulxin fuqha. Din il-marka ma tinstab fl-ebda razza oħra ta' din l-ispeċi. Din ir-razza żviluppat wara li nstabet wirdiena selvaġġa f'Għawdex b'marki simili, imma kienu mitfijin, u l-awturi ddeċidew li jiffokaw biex joħorġu dan il-kulur ta' din il-forma, fejn jidher li l-ilwien ħarġu iktar skuri u distinti. Din ir-razza ħarġet minn tnissil ta' wirdien selvaġġ minn Għawdex kif ukoll minn tliet razez barranin, fosthom Black, White Eye u Bazinga. Hemm żewġ raġunijiet għaliex din ir-razza ngħatat dan l-isem. L-ewwel, il-kampjun li jesebixxi dawn il-karatteristiċi morfoloġiċi nstab ġo fossa. It-tieni, meta jiġi osservat minn distanza, ir-razza ta' wirdien jieħu għamla li tixbah il-fosos.

Dawn it-tliet razez jagħmlu parti mill-ispeċi tal-Wirdiena Ħamra (American Cockroach, *Periplaneta americana*) li hija speċi ta' insett komuni ħafna fil-Gżejjer Maltin, u wieħed mill-iktar pesti magħruf lokalment u globalment. Madankollu hija speċi ta' importanza dinjija għal studji mediċinali, ekonomiċi u ekoloġiċi. Barra minn xtutna din l-ispeċi titrabba ħafna minn entemokulturisti u s'issa huma magħrufin 'il fuq minn għaxar razez eżistenti li jinsabu żviluppati fil-magħluq (domestikati), u saħansitra qed jiġu ddokumentati xjentifikament mill-awtur preżenti (AS).

**Nota Bene:** Fl-aħħar kitba, ir-razza Pitun Ġgant għandha tinqara li tagħmel parti mill-ispeċi ta' Burmese Python (*Python bivittatus*).

Ħajr lil Lai Yik Chun u lil Manuel Spiteri tal-informazzjoni li għaddewlna.

**Għal aktar informazzjoni żuru l-paġna:** https://www.facebook.com/Columbatopia

# Il-Proġett PIXAM

Miktub minn
MATTHEW TABONE
*Chief Scientific Officer*




PIXAM - Pixels and More, huwa proġett ta' riċerka li ngħata mill-Fond ta' Riċerka dwar l-Ispazju mill-Kunsill Malti tax-Xjenza u t-Teknoloġija (MCST). PIXAM tagħmel użu mis-settijiet tad-dejta fornuti b'xejn mis-Satellita Sentinel 2, bħala parti mill-programm Copernicus.

Is-sit uffiċjali tiegħu hu: http://pixam.io/

It-tim ta' riċerkaturi huwa magħmul mill-Istitut tat-Trasport u l-Inġinerija fl-MCAST, u huwa mmexxi mis-Sur Steve Zerafa, b'kollaborazzjoni mar-riċerkatur is-Sur Matthew Tabone fis-sezzjoni tar-Riċerka u Innovazzjoni fi ħdan il-Ministeru għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali. Il-Ministeru qed jieħu ħsieb il-parti agrikola tal-proġett u s-Sur Alexander Borg minn Tisbieħ Malta fi ħdan il-Ministeru tat-Turiżmu qed jieħu ħsieb il-parti tal-widien tal-proġett.

Min-naħa tal-agrikoltura ntgħażlu l-uċuħ tat-tadam u tal-patata għall-istudju peress li huma l-aktar uċuħ komuni u għalhekk importanti għal dan is-settur. Ġew identifikati għelieqi li kienu tal-anqas tmint itmiem u r-riċerkatur kellu jagħmel żjarat fuq il-post matul il-perjodu tat-tkabbir tal-uċuħ sabiex jiġi żgurat illi l-kultivazzjoni tat-tadam u tal-patata qiegħda ssir skont l-aħjar prassi f'dan il-qasam (Good Agricultural Practices).

Is-siti fejn kien qed isir l-istudju kienu l-Qrendi għall-patata, u Ħaż-Żebbuġ u Ħal Qormi għat-tadam. Saret ukoll prova bit-tadam fir-razzett esperimentali tal-Għammieri ġewwa Ħal Qormi.

Bħalissa r-riċerkatur qiegħed iżur l-aħħar ċiklu ta' dan il-proġett sew għall-patata u anke għat-tadam, fejn wara li jintemm ix-xogħol tar-raba' jibda x-xogħol tal-uffiċċju li jikkonsisti fil-ġbir tad-dejta kollha li tkun inġabret flimkien mal-interpretazzjoni tagħha. Dan ix-xogħol jinvolvi nies esperti fl-oqsma tal-informatika u tal-matematika. Dawn se jiżviluppaw software ġdid maħdum għal pajjiżna sabiex inkunu f'pożizzjoni nużaw is-servizz b'xejn tas-satellita Copernicus li flimkien ma' dan is-software jagħmilha possibbli li wieħed jidentifika kull post fejn ikun qiegħed jitkabbar it-tadam u l-patata f'pajjiżna f'ħin reali.

Apparti li din l-għodda se tkun l-ewwel tax-xorta tagħha għal pajjiżna, għandha applikazzjoni, mhux biss għas-sorveljanza, imma anke sabiex wieħed jiġbor estimi ta' ħela ta' ilma, bexx u fertilizzanti li jistgħu jinħlew f'erja li tkun ġiet magħrufa li qed jitkabbar it-tadam jew il-patata f'dak iż-żmien partikolari.


Ritratt ta' Malta fuq in-naħa tax-xellug fix-xitwa u fuq in-naħa tal-lemin fis-sajf

AgriConnect

MINISTRY FOR AGRICULTURE, FISHERIES
AND ANIMAL RIGHTS



**WE OFFER ADVICE ON:**

- Cross Compliance (CC)
- Agri-Environment Climate Measures (AECMs)
- Rural Development Measures

2180 4981/2/4

agriconnect.mafa@gov.mt

agriconnect.gov.mt

# Fawna Nazzjonali ta' Malta

## Artiklu għat-tfal

**MARIA MICALLEF**
*Uffiċjal Agrikolu Anzjan*

Ritratti meħuda minn
**ARNOLD SCIBERRAS**

## Kif intom tfal?

**Nispera li tinsabu tajbin u qegħdin tgawdu l-vaganzi tas-sajf. Fl-aħħar artiklu tkellimna fuq il-Pjanta Nazzjonali ta' Malta – Widnet il-Baħar – u s-Siġra tal-Għargħar li t-tnejn li huma nsejħulhom speċi endemiċi. Illum ser niffokaw fuq rettilu endemiku ta' Malta, il-gremxula. Bl-Ingliż insibuha bħala Wall Lizard.**



Podarcis filfolensis filfolensis female - insibuha Filfla



Podarcis filfonses kieselbachi male - insibuh fuq il-Gżejjer ta' San Pawl



Podarcis filfolensis male - insibuh Malta, Għawdex u Kemmuna



Podarcis Filfolensis generalensis male - insibuh fuq il-Ġebla tal-Ġenenal

### Il-Gremxula Maltija

Din forsi ta' spiss narawha fil-ġnien, fid-dar jew f'xi kampanja tiġri għal taħt xi ġebla. Minbarra l-aġilità sabiex tistaħba, il-gremxula hija wkoll mgħammra b'għodda oħra sabiex ma tinqabadx! Malli l-gremxula tħossha mhedda, din tħalli denbha warajha. Il-predatur jintilef ma' denbha illi jkun għadu jiċċaqlaq filwaqt illi l-gremxula taħtaf l-opportunità sabiex tiżgiċċa. Tfal, m'hemmx għalfejn jiddispjaċikom għal denbha għaliex din għandha l-abilità speċjali illi terġa' tkabbru maż-żmien.

Ġewwa l-Gżejjer Maltin insibu erba' speċi ta' gremxul, u kull speċi nsibuha f'postijiet partikolari madwar dawn il-gżejjer. Jekk tinnotaw sew ir-ritratti taraw li għandhom ukoll disinji uniċi li bihom wieħed jista' jidentifika speċi minn oħra. Tajjeb li nkunu nafu li l-kuluri jvarjaw anki fl-istess speċi. Ħafna drabi l-mara jkollha kulur iktar kannelli waqt illi r-raġel ikun imżewwaq b'ħafna iktar kuluri sabiex jattira lill-mara fi żmien in-namra.

Fi żmien is-sajf, bħalna, il-gremxula tħobb tixxemmex! Però mhux biex tieħu l-kulur bħalna iżda minħabba l-fatt li r-rettilli jkollhom bżonn joqogħdu fix-xemx sabiex jisħnu u fid-dell sabiex jerġgħu jniżżlu t-temperatura. Dan jagħmluh għaliex it-temparatura tagħhom ma tiġix irregolata waħidha bħal tagħna! B'hekk il-gremxula tkun iktar attiva meta jisħon it-temp. Tbid il-bajd fi żmien ir-rebbiegħa ġewwa xi xquq tal-ħitan jew fil-ħamrija u jfaqqsu bejn Lulju u Awwissu, fl-eqqel tas-sajf!

Ġewwa l-għalqa l-bidwi jieħu gost meta jara xi gremxula għaliex din tiekol ħafna insetti żgħar bħan-nemel, il-brimb u l-bebbux. B'dan il-mod tgħin fil-kontroll naturali tal-insetti ġewwa l-għalqa. Il-gremxula hija kreatura protetta bil-liġi u b'hekk mhux il-bidwi biss għandu d-dmir li jħarisha iżda kulħadd. Għalhekk, jekk dan is-sajf tiltaqgħu ma' xi gremxula, ftakru sabiex tammirawha biss u mhux tipprovaw taqbduha. Nawguralkom il-vaganzi tas-sajf it-tajba!

# Riċetti

## Kapunata

Informazzjoni fuq il-metodu ta' preparazzjoni: Il-kapunata ssir billi l-ewwel jitqatta' l-brunġiel roti roti u jitħalla fl-ilma bil-melħ għal madwar siegħa sabiex jitlaqlu l-imrar. Ġo taġen jitqalla l-basal u t-tewm. Wara jiġi miżjud magħhom il-brunġiel u l-bżar aħdar maqtugħ u jitqallew ftit. Jinxteħet ukoll it-tadam u ftit inbid. Fl-aħħar jiġi miżjud il-basal tal-pikles, il-kappar u l-ħabaq u jitħallew itektku fuq nar baxx sakemm isiru.



## Tin taċ-ċappa

Informazzjoni fuq il-metodu ta' preparazzjoni: Għall-preservazzjoni tat-tin b'dan il-metodu, it-tin jiġi maqtugħ min-nofs u jitpoġġa waħda fejn waħda ġo tilari fix-xemx. Biex jinxef, dan kien jieħu madwar erba' jew ħamest ijiem. Ladarba jinxef dan jiġi ppakkjat ġo kontenitur saff saff flimkien ma' ftit meraq tar-rand, weraq tar-rand u żerriegħa tal-bużbież. Fil-wiċċ jitpoġġa għatu jew biċċa njama b'ġebla fuqu sabiex it-tin jikkumpatta ruħu.



## Torta tal-qara' aħmar

Informazzjoni fuq il-metodu ta' preparazzjoni: L-ingredjenti li jintużaw sabiex issir l-għaġina huma dqiq, marġerina, melħ u ilma. Id-dqiq jiġi mgħarbul ġo skutella kbira fejn wara jitħawwad mal-marġerina, mal-melħ u fl-aħħar mal-ilma. Għall-preparazzjoni tal-mili jitgħallew il-qara' aħmar u l-basal. Jiġi miżjud ukoll ftit bżar, melħ u xi ħwawar oħra fosthom il-kannella.

Dawn jitħallew fuq in-nar sakemm isiru u wara li jsiru jiġu mgħaffġa flimkien. Ġo borma oħra jitgħalla r-ross għal ftit minuti iżda ma jitħalliex isir. Dan jittella' mill-ilma u jiġi miżjud u mħallat flimkien mat-taħlita tal-qara' aħmar, tonn, żebbuġ iswed u żejt taż-żebbuġa. Hekk kif it-taħlita tal-qara' aħmar tiksaħ, nofs l-għaġina tinfetaħ ġo dixx, jitpoġġa l-mili u wara titpoġġa l-kumplament tal-għaġina fuqu. Din tiġi moħmija fil-forn f'temperatura moderata għal madwar erbgħin minuta sakemm il-wiċċ jieħu lewn dehbi. Din tista' tiġi servuta sħuna kif ukoll kiesħa.

http://ikeltakwalita.gov.mt/




MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA
SAJD, U DRITTIJIET TAL-ANNIMALI